# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/389

**tat-8 ta' Marzu 2022**

**li jistabbilixxi standards tekniċi ta' implimentazzjoni għall-applikazzjoni tad-Direttiva (UE) 2019/2034 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-format, l-istruttura, il-listi tal-kontenut u d-data tal-pubblikazzjoni annwali tal-informazzjoni li għandha tiġi żvelata mill-awtoritajiet kompetenti**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva (UE) 2019/2034 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2019 dwar is-superviżjoni prudenzjali tad-ditti tal-investiment u li temenda d-Direttivi 2002/87/KE, 2009/65/KE, 2011/61/UE, 2013/36/UE, 2014/59/UE u 2014/65/UE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 57(4) tagħha,

Billi:

(1) Id-Direttiva (UE) 2019/2034 tirrikjedi li l-awtoritajiet kompetenti jiżvelaw ċerta informazzjoni sabiex is-suq intern tad-ditti tal-investiment jopera b'effikaċja dejjem akbar u biex jiġu żgurati livelli adegwati ta' trasparenza għall-pubbliku ġenerali. Skont din id-Direttiva, l-informazzjoni żvelata għandha tkun komprensiva u preċiża biżżejjed biex tippermetti tqabbil sinifikanti tal-approċċi adottati mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri.

(2) Sabiex tiġi ffaċilitata din il-valutazzjoni, l-informazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti kollha għandha tiġi ppubblikata f'format komuni, għandha tiġi aġġornata regolarment u ssir aċċessibbli fuq sit elettroniku uniku. Għalhekk, huwa meħtieġ li jiġu ddeterminati l-format, l-istruttura, il-listi tal-kontenut u d-data tal-pubblikazzjoni annwali ta' din l-informazzjoni. Filwaqt li r-rekwiżiti ta' żvelar stabbiliti fit-Titolu V tad-Direttiva (UE) 2019/2034 jestendu fil-qasam kollu tar-regolamentazzjoni prudenzjali, jeħtieġ li l-ewwel issir enfasi fuq ir-responsabbiltajiet superviżorji li joriġinaw minn din id-Direttiva u mir-Regolament (UE) 2019/2033 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]).

(3) Dan ir-Regolament huwa bbażat fuq l-abbozz tal-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni ppreżentat lill-Kummissjoni mill-Awtorità Bankarja Ewropea wara li kkonsultat lill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq.

(4) L-Awtorità Bankarja Ewropea wettqet konsultazzjonijiet pubbliċi miftuħa dwar l-abbozz tal-istandards tekniċi ta' implementazzjoni li dan ir-Regolament huwa bbażat fuqhom, analizzat l-ispejjeż u l-benefiċċji potenzjali relatati u talbet l-opinjoni tal-Grupp tal-Partijiet Bankarji Interessati stabbilit f'konformità mal-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]),

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Liġijiet, regolamenti, regoli amministrattivi u gwida ġenerali**

Meta jippubblikaw informazzjoni dwar testi ta' liġijiet, regolamenti, regoli amministrattivi u gwida ġenerali adottati fl-Istat Membru tagħhom fil-qasam tar-regolamentazzjoni prudenzjali skont l-Artikolu 57(1), il-punt (a), tad-Direttiva (UE) 2019/2034, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jużaw il-formoli applikabbli stabbiliti fl-Anness I ta' dan ir-Regolament.

([1]) ĠU L 314, 5.12.2019, p. 64.

([2]) Ir-Regolament (UE) 2019/2033 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2019 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali tad-ditti tal-investiment u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010, (UE) Nru 575/2013, (UE) Nru 600/2014 u (UE) Nru 806/2014 (ĠU L 314, 5.12.2019, p. 1).

([3]) Ir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea), li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 12).

*Artikolu 2*

**Opzjonijiet u diskrezzjonijiet**

Meta jippubblikaw informazzjoni dwar il-mod kif jiġu eżerċitati l-opzjonijiet u d-diskrezzjonijiet disponibbli skont l-Artikolu 57(1), il-punt (b) tad-Direttiva (UE) 2019/2034, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jużaw il-formoli applikabbli stabbiliti fl-Anness II ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 3*

**Kriterji u metodoloġiji ġenerali għal proċess ta' reviżjoni u evalwazzjoni superviżorji**

Meta jippubblikaw informazzjoni dwar il-kriterji u l-metodoloġiji ġenerali li jużaw l-awtoritajiet kompetenti fir-rieżami u l-evalwazzjoni superviżorji msemmija fl-Artikolu 36 tad-Direttiva (UE) 2019/2034 skont l-Artikolu 57(1), il-punt (c), ta' din id-Direttiva, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jużaw il-formola stabbilita fl-Anness III ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 4*

***Data* statistika aggregata**

Meta jippubblikaw informazzjoni dwar *data* statistika aggregata dwar aspetti ewlenin tal-implimentazzjoni tal-qafas prudenzjali skont l-Artikolu 57(1), il-punt (d), tad-Direttiva (UE) 2019/2034, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jużaw il-formoli stabbiliti fl-Anness IV ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 5*

**Data tal-pubblikazzjoni annwali**

1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jippubblikaw informazzjoni elenkata fl-Artikolu 57(1) tad-Direttiva (UE) 2019/2034 fuq sit elettroniku uniku għall-ewwel darba sat-30 ta' Ġunju 2022.

2. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jaġġornaw l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 57(1), il-punt (d), tad-Direttiva (UE) 2019/2034 sat-30 ta' Ġunju ta' kull sena abbażi tal-informazzjoni dwar ir-rapportar superviżorju sal-31 ta' Diċembru tas-sena preċedenti.

3. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jaġġornaw l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 57(1), il-punti (a), (b) u (c) tad-Direttiva (UE) 2019/2034 regolarment, u mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju ta' kull sena, sakemm ma jkunx hemm bidla fl-informazzjoni ppubblikata.

*Artikolu 6*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' Marzu 2022.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Ursula VON DER LEYEN

*ANNESS I*

**REGOLI U GWIDA**

## Lista ta' formoli

| | |
|---|---|
| PARTI 1 | Traspożizzjoni tad-Direttiva (UE) 2019/2034 |
| PARTI 2 | Approvazzjoni tal-mudell |
| PARTI 3 | Rekwiżiti speċifiċi ta' żvelar applikati għad-ditti tal-investiment |
| PARTI 4 | Rapportar regolatorju |

*Rimarki ġenerali dwar kif jimtlew il-formoli fl-Anness I*

Meta jippubblikaw informazzjoni dwar il-kriterji ġenerali u l-metodoloġiji, l-awtoritajiet kompetenti ma għandhom jiżvelaw l-ebda miżura superviżorja indirizzata lil ditta tal-investiment speċifika, kemm jekk tittieħed fil-konfront ta' ditta tal-investiment waħda u kemm jekk fil-konfront ta' grupp ta' ditti tal-investiment.

**PARTI 1**

**Traspożizzjoni tad-Direttiva (UE) 2019/2034**

| | Traspożizzjoni tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva (UE) 2019/2034 | Id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva (UE) 2019/2034 | Links għat-test nazzjonali (1) | Referenza/(i) għad-dispożizzjoni-jiet nazzjonali (2) | Disponibbli bl-EN (IVA/LE) |
|---|---|---|---|---|---|
| 010 | **Id-data tal-aħħar aġġornament tal-informazzjoni f'dawn il-formoli** | | *(jj/xx/ssss)* | | |
| 020 | I. **Suġġett, kamp ta' applikazzjoni u definizzjonijiet** | l-Artikoli 1 sa 3 | | | |
| 030 | II. **Awtoritajiet kompetenti** | l-Artikoli 4 sa 8 | | | |
| 040 | III **Kapital inizjali** | l-Artikoli 9 sa 11 | | | |
| 050 | IV. **Superviżjoni prudenzjali** | | | | |
| 060 | KAPITOLU 1 - Prinċipji tas-superviżjoni prudenzjali | | | | |
| 070 | Taqsima 1 - Kompetenzi u dmirijiet tal-Istati Membri tad-domiċilju u ta' dawk ospitanti | l-Artikoli 12 sa 14 | | | |
| 080 | Taqsima 2 - Segretezza professjonali u dmir ta' rapportar | l-Artikoli 15 sa 17 | | | |
| 090 | Taqsima 3 - Sanzjonijiet, setgħat investigattivi, u dritt ta' appell | l-Artikoli 18 sa 23 | | | |
| 100 | KAPITOLU 2 — Proċess ta' rieżami | | | | |
| 110 | Taqsima 1 - Proċess ta' valutazzjoni tal-adegwatezza tal-kapital intern u riskju intern | l-Artikolu 24 | | | |
| 120 | Taqsima 2 - Governanza interna, trasparenza, trattament tar-riskji u remunerazzjoni | l-Artikoli 25 sa 35 | | | |
| 130 | Taqsima 3 - Proċess ta' riażami u evalwazzjoni superviżorji | l-Artikoli 36 sa 37 | | | |
| 140 | Taqsima 4 - Miżuri u setgħat superviżorji | l-Artikoli 38 sa 45 | | | |
| 150 | KAPITOLU 3 - Superviżjoni ta' gruppi ta' ditti tal-investiment | | | | |
| 160 | Taqsima 1 -Superviżjoni ta' gruppi ta' ditti tal-investiment fuq bażi konsolidata u superviżjoni tal-konformità mat-test tal-kapital ta' grupp | l-Artikoli 46 sa 50 | | | |
| 170 | Taqsima 2 - Kumpaniji holding ta' investiment, kumpaniji holding finanzjarji mħallta u kumpaniji holding li jwettqu attivitajiet mħallta | l-Artikoli 51 sa 56 | | | |
| 180 | **TITOLU V - PUBBLIKAZZJONI MILL-AWTORITAJIET KOMPETENTI** | l-Artikolu 57 | | | |
| 190 | **TITOLU VI - ATTI DELEGATI** | l-Artikolu 58 | | | |
| 200 | **TITOLU VII – EMENDI GĦAL DIRETTIVI OĦRA** | l-Artikoli 59 sa 64 | | | |
| 210 | **TITOLU VIII - DISPOŻIZZJONIJIET FINALI** | l-Artikoli 65 sa 69 | | | |

(1) Iperlink(s) għas-sit web li fih it-test nazzjonali li jittrasponi d-dispożizzjoni tal-Unjoni inkwistjoni.
(2) Referenzi dettaljati għad-dispożizzjonijiet nazzjonali, bħat-Titolu, il-Kapitolu, il-paragrafu rilevanti, eċċ.

## PARTI 2

### Approvazzjoni tal-formola [1]

| | | |
|---|---|---|
| 010 | **Id-data tal-aħħar aġġornament tal-informazzjoni f'din il-formola** | *(jj/xx/ssss)* |
| | | **Deskrizzjoni tal-approċċ** |
| 020 | **Approċċ superviżorju għall-approvazzjoni tal-użu ta' Approċċ tal-Mudell Intern (IMA) alternattiv għall-kalkolu tar-rekwiżiti kapitali minimi għar-riskju tas-suq** | |
| 030 | Dokumentazzjoni minima li għandha tingħata mid-ditta tal-investiment li tapplika għall-użu ta' approċċ IMA alternattiv | *[test liberu]* |
| 040 | Deskrizzjoni tal-proċess ta' valutazzjoni mwettaq mill-awtorità kompetenti (l-użu ta' mezzi ta' awtovalutazzjoni, id-dipendenza fuq awdituri esterni u spezzjonijiet fuq il-post) u kriterji ewlenin tal-valutazzjoni | *[test liberu]* |
| 050 | Forma tad-deċiżjonijiet meħuda mill-awtorità kompetenti u l-komunikazzjoni tad-deċiżjonijiet lill-applikanti | *[test liberu]* |

## PARTI 3

### Rekwiżiti speċifiċi ta' żvelar applikati għad-ditti tal-investiment

| | Id-Direttiva (UE) 2019/2034 | Dispożizzjoni | Informazzjoni li għandha tiġi pprovduta mill-awtorità kompetenti | |
|---|---|---|---|---|
| 010 | **Id-data tal-aħħar aġġornament tal-informazzjoni f'din il-formola** | | | *(jj/xx/ssss)* |
| 020 | **Artikolu 44(a)** | L-awtoritajiet kompenti għandhom is-setgħa li jesiġu li ditti tal-investiment li ma jissodisfawx il-kondizzjonijiet ta' kwalifika bħala ditti tal-investiment żgħar u mhux interkonnessi stabbiliti fl-Artikolu 12(1) tar-Regolament (UE) 2019/2033 u d-ditti tal-investiment imsemmija fl-Artikolu 46(2) tar-Regolament (UE) 2019/2033 jippubblikaw l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 46 ta' dan ir-Regolament aktar minn darba fis-sena u li jistabbilixxu skadenzi għal din il-pubblikazzjoni; | Il-frekwenza u l-iskadenzi għall-pubblikazzjoni applikabbli għall-istituzzjonijiet | *[test liberu]* |
| 030 | **Artikolu 44(b)** | L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jesiġu li ditti tal-investiment li ma jissodisfawx il-kondizzjonijiet ta' kwalifika bħala ditti tal-investiment żgħar u mhux interkonnessi stabbiliti fl-Artikolu 12(1) tar-Regolament (UE) 2019/2033 u ditti tal-investiment imsemmija fl-Artikolu 46(2) tar-Regolament (UE) 2019/2033 jużaw mezzi u postijiet speċifiċi, b'mod partikolari s-siti web tad-ditti tal-investiment, għal pubblikazzjonijiet oħra li mhumiex ir-rapporti finanzjarji; | Tipi ta' mezzi tax-xandir speċifiċi biex jintużaw minn ditti tal-investiment | *[test liberu]* |

(1) Applikabbli mis-26 ta' Ġunju 2026 jew mid-data tal-applikazzjoni għall-istituzzjonijiet ta' kreditu tar-rekwiżiti kif iddikjarat fl-Artikolu 57(1) tar-Regolament (UE) 2019/2033.

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 040 | **Artikolu 44(c)** | L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jirrikjedu li l-intrapriżi prinċipali li jippubblikaw annwalment jew b'mod sħiħ jew permezz ta' referenzi għal informazzjoni ekwivalenti, deskrizzjoni tal-istruttura legali tagħhom u tal-istruttura ta' governanza u organizzazzjonali tal-grupp ta' ditti tal-investiment f'konformità mal-Artikoli 26(1) ta' din id-Direttiva u mal-Artikolu 10 tad-Direttiva 2014/65/UE. | L-istruttura legali u l-istruttura ta' governanza u organizzazzjonali tal-intrapriża prinċipali tal-grupp ta' ditti tal-investiment | *[test liberu]* |

## PARTI 4

## Rapportar regolatorju

| | | |
|---|---|---|
| 010 | **Id-data tal-aħħar aġġornament tal-informazzjoni f'din il-formola** | (jj/xx/ssss) |
| 020 | **L-implimentazzjoni tar-rapportar dwar informazzjoni finanzjarja skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni XXX/2021** | |
| 030 | Jintużaw standards XBRL għall-preżentazzjoni ta' rapportar lill-awtorità kompetenti? | *[Iva/Le]* |

*ANNESS II*

**OPZJONIJIET U DISKREZZJONIJIET**

**Lista ta’ formoli**

| | |
|---|---|
| PARTI 1 | Opzjonijiet u diskrezzjonijiet stabbiliti fid-Direttiva (UE) 2019/2034, ir-Regolament (UE) 2019/2033 |
| PARTI 2 | Għadd ta’ ditti tal-investiment li jużaw dispożizzjonijiet tranżitorji stabbiliti fid-Direttiva (UE) 2019/2034 u r-Regolament (UE) 2019/2033 |
| PARTI 3 | Elementi varjabbli tar-remunerazzjoni (l-Artikolu 32 tad-Direttiva (UE) 2019/2034) |

*Rimarki ġenerali dwar kif jimtlew il-formoli fl-Anness II*

Meta jippubblikaw informazzjoni dwar il-kriterji ġenerali u l-metodoloġiji, l-awtoritajiet kompetenti ma għandhom jiżvelaw l-ebda miżura superviżorja indirizzata lil ditti tal-investiment speċifiċi, kemm jekk tittieħed fil-konfront ta’ istituzzjoni waħda u kemm jekk fil-konfront ta’ grupp ta’ ditti tal-investiment.

**PARTI 1**

## Opzjonijiet u diskrezzjonijiet stabbiliti fid-Direttiva (UE) 2019/2034, ir-Regolament (UE) 2019/2033

| | Id-Direttiva (UE) 2019/2034 | Ir-Regolament (UE)-2019/2033 | Destinatarji | Denominazzjoni | Deskrizzjoni tal-opzjoni jew tad-diskrezzjoni | Eżerċitata (IVA/LE/Mhux applikabbli) (¹) | Test nazzjonali (²) | Referenza/i (³) | Disponibbli bl-EN (IVA/LE) | Dettalji/Kummenti |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 010 | Id-data tal-aħħar aġġornament tal-informazzjoni f'dan il-mudell | | | | | | | *(jj/xx/ssss)* | | |
| 020 | 5(1) | | Awtorità kompetenti | Applikazzjoni tar-rekwiżiti tas-CRD | L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jiddeċiedu li japplikaw ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 għal ditta tal-investiment li twettaq l-attivitajiet speċifikati fil-punti 3 u 6 fit-Taqsima A tal-Anness I tad-Direttiva 2014/65/UE jekk il-valur totali tal-assi konsolidati tad-ditta tal-investiment ikun daqs jew jaqbeż il-EUR 5 000 000 000 u fil-każ li japplikaw il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 5(1) tad-Direttiva (UE) 2019/2034. | [IVA/LE/Mhux applikabbli] | Obbligatorju jekk IVA | Obbligatorju jekk IVA | | |
| 030 | 24(2) | | Awtorità kompetenti | Kapital intern u assi likwidi | L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jitolbu lil ditti tal-investiment żgħar u mhux interkonnessi biex japplikaw rekwiżiti għal kapital intern u assi likwidi kif previst fl-Artikolu 24 tad-Direttiva (UE) 2019/2034. | [IVA/LE/Mhux applikabbli] | Obbligatorju jekk IVA | Obbligatorju jekk IVA | | |
| 040 | 36(2) | | Awtorità kompetenti | Rieżami superviżorju u evalwazzjoni | L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiddeċiedu fuq bażi ta' każ b'każ jekk u f'liema forma għandhom jitwettqu r-rieżami u l-evalwazzjoni għal ditti tal-investiment żgħar u mhux interkonnessi. | [IVA/LE/Mhux applikabbli] | Obbligatorju jekk IVA | Obbligatorju jekk IVA | | |
| 050 | 40(7) | | Awtorità kompetenti | Rekwiżiti ta' fondi proprji addizzjonali | L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jimponu fuq bażi ta' każ b'każ rekwiżiti ta' fondi proprji addizzjonali msemmija fl-Artikolu 40 tad-Direttiva (UE) 2019/2034 dwar ditti tal-investiment żgħar u mhux interkonnessi. | [IVA/LE/Mhux applikabbli] | Obbligatorju jekk IVA | Obbligatorju jekk IVA | | |
| 060 | 41(1) | | Awtorità kompetenti | Rekwiżiti ta' fondi proprji addizzjonali | L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jitolbu lid-ditti tal-investiment li mhumiex ditti tal-investiment żgħar u mhux interkonnessi biex ikollhom livell ta' fondi proprji li jkopri l-impatt potenzjali tal-fluttwazzjonijiet ekonomiċi ċikliċi. | [IVA/LE/Mhux applikabbli] | Obbligatorju jekk IVA | Obbligatorju jekk IVA | | |
| 070 | 42(1) | | Awtorità kompetenti | Rekwiżiti ta' likwidità | L-awtoritajiet kompetenti għandhom jimponu rekwiżiti speċifiċi tal-likwidità msemmija fil-punt (k) tal-Artikolu 39(2) tad-Direttiva (UE) 2019/2034 għad-ditti tal-investiment li għalihom japplikaw ir-rekwiżiti tal-likwidità kif imsemmi fl-Artikolu 42(1) tad-Direttiva (UE) 2019/2034. | [IVA/LE/Mhux applikabbli] | Obbligatorju jekk IVA | Obbligatorju jekk IVA | | |
| 080 | 46(6) | | Awtorità kompetenti | Eżenzjoni mill-kriterji tas-superviżur tal-grupp | L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jaħtru superviżur fuq bażi konsolidata li jkun differenti minn dak imsemmi fl-Artikolu 46(6) tad-Direttiva (UE) 2019/2034. | [IVA/LE/Mhux applikabbli] | Obbligatorju jekk IVA | Obbligatorju jekk IVA | | |
| 090 | | 1(2)(c) | Awtorità kompetenti | Applikazzjoni tar-rekwiżiti tar-Regolament dwar ir-Rekwiżiti ta' Kapital (ir-Regolament (UE) Nru 575/2013) | L-awtorità kompetenti tista' tiddeċiedi li tapplika r-rekwiżiti tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 għad-ditti tal-investiment li jwettqu attivitajiet speċifikati fil-punti 3 u 6 tat-Taqsima A tal-Anness I tad-Direttiva 2014/65/UE u li għalihom il-valur totali tal-assi konsolidati tad-ditta tal-investiment jew tal-grupp ta' ditti tal-investiment ikun ugwali għal jew jaqbeż il-EUR 15 000 000 000 skont l-Artikolu 1(2) tar-Regolament (UE) 2019/2033. | [IVA/LE/Mhux applikabbli] | Obbligatorju jekk IVA | Obbligatorju jekk IVA | | |

| | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 100 | | 1(5) | Awtorità kompetenti | Applikazzjoni tar-rekwiżiti tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 | L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jippermettu li r-rekwiżiti tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 jiġu applikati għal ditti tal-investiment li jwettqu attivitajiet speċifikati fil-punti 3 u 6 fit-Taqsima A tal-Anness I tad-Direttiva 2014/65/UE u jekk id-ditta tal-investiment tkun sussidjarja ta' istituzzjoni ta' kreditu jew kumpanija azzjonarja finanzjarja jew kumpanija azzjonarja finanzjarja mħallta skont l-Artikolu 1(5) tar-Regolament (UE) 2019/2033. | [IVA/LE/ Mhux applikab-bli] | Obbligatorju jekk IVA | Obbligatorju jekk IVA | | |
| 110 | | 6(1) | Awtorità kompetenti | Applikazzjoni tar-rekwiżiti fuq bażi individwali | L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jeżentaw ditta tal-investiment mill-applikazzjoni tal-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) 2019/2033 fir-rigward tal-partijiet 2, 3, 4, 6 u 7, jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha tal-Artikolu 6(1). | [IVA/LE/ Mhux applikab-bli] | Obbligatorju jekk IVA | Obbligatorju jekk IVA | | |
| 120 | | 6(2) | Awtorità kompetenti | Applikazzjoni tar-rekwiżiti fuq bażi individwali | L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jeżentaw ditta tal-investiment mill-applikazzjoni tal-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) 2019/2033 fir-rigward tal-parti 6, jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha tal-Artikolu 6(2). | [IVA/LE/ Mhux applikab-bli] | Obbligatorju jekk IVA | Obbligatorju jekk IVA | | |
| 130 | | 6(3) | Awtorità kompetenti | Applikazzjoni tar-rekwiżiti fuq bażi individwali | L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jeżentaw ditta tal-investiment mill-applikazzjoni tal-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) 2019/2033 fir-rigward tal-parti 5 jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha tal-Artikolu 6(3). | [IVA/LE/ Mhux applikab-bli] | Obbligatorju jekk IVA | Obbligatorju jekk IVA | | |
| 140 | | 7(4) | Awtorità kompetenti | Applikazzjoni ta' rekwiżiti fuq bażi konsolidata | L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jeżentaw lill-impriża prinċipali minn rekwiżiti biex tikkonforma mal-obbligu stabbilit fil-parti 5 abbażi tas-sitwazzjoni konsolidata tagħhom. | [IVA/LE/ Mhux applikab-bli] | Obbligatorju jekk IVA | Obbligatorju jekk IVA | | |
| 150 | | 8(1) | Awtorità kompetenti | Applikazzjoni ta' rekwiżiti fuq bażi konsolidata | L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jippermettu l-applikazzjoni tal-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) 2019/2033 meta l-istrutturi tal-grupp ikunu sempliċi biżżejjed, ma jkunx hemm riskji sinifikanti għall-klijenti jew għas-suq mill-grupp ta' ditti tal-investiment kollu kemm hu li, inkella, ikun jeħtieġ superviżjoni fuq bażi konsolidata. | [IVA/LE/ Mhux applikab-bli] | Obbligatorju jekk IVA | Obbligatorju jekk IVA | | |
| 160 | | 8(4) | Awtorità kompetenti | Applikazzjoni ta' rekwiżiti fuq bażi konsolidata | L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jippermettu li kumpanija prinċipali jkollha ammont aktar baxx ta' fondi proprji mill-ammont ikkalkulat skont l-Artikolu 8(3) tar-Regolament (UE) 2019/2033, dment li dan l-ammont ma jkunx inqas mis-somma tar-rekwiżiti ta' fondi proprji imposti fuq bażi individwali fuq id-ditti tal-investiment sussidjarji tagħha, l-istituzzjonijiet finanzjarji, l-impriżi ta' servizzi anċillari u fuq l-aġenti marbuta, u l-ammont totali ta' kwalunkwe obbligazzjoni kontinġenti favur dawk l-entitajiet. | [IVA/LE/ Mhux applikab-bli] | Obbligatorju jekk IVA | Obbligatorju jekk IVA | | |
| 170 | | 9(4) | Awtorità kompetenti | Fondi proprji | L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jippermettu lid-ditti tal-investiment li huma żgħar u mhux interkonnessi jew li mhumiex persuni ġuridiċi jew kumpaniji b'ishma konġunti biex jużaw strumenti jew fondi ulterjuri bħala ekwivalenti għal strumenti ta' fondi proprji | [IVA/LE/ Mhux applikab-bli] | Obbligatorju jekk IVA | Obbligatorju jekk IVA | | |
| 180 | | 10(2) | Awtorità kompetenti | Holdings kwalifikattivi ta' fondi proprji | L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jipprojbixxu ditta tal-investiment milli jkollha holdings kwalifikattivi kif imsemmi fl-Artikolu 10(1) tar-Regolament (UE) 2019/2033, meta l-ammont ta' dawk il-holdings jaqbeż il-perċentwali tal-fondi proprji stabbiliti f'dan il-paragrafu. | [IVA/LE/ Mhux applikab-bli] | Obbligatorju jekk IVA | Obbligatorju jekk IVA | | |
| 190 | | 11(3) | Awtorità kompetenti | Fondi proprji | L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jeħtieġu li ditta tal-investiment tkun soġġetta għal rekwiżiti ta' fondi proprji differenti minn dawk imsemmija fl-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) 2019/2033 | [IVA/LE/ Mhux applikab-bli] | Obbligatorju jekk IVA | Obbligatorju jekk IVA | | |

| | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 200 | | 13(2) | Awtorità kompetenti | Fondi proprji. Rekwiżit tal-ispejjeż ġenerali fissi | L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jaġġustaw ir-rekwiżit tal-ammont tal-ispejjeż ġenerali fissi kif imsemmi fl-Artikolu 13(1) tar-Regolament (UE) 2019/2033 meta jqisu li kien hemm bidla materjali fl-attivitajiet ta' ditta tal-investiment. | [IVA/LE/ Mhux applikab-bli] | Obbligatorju jekk IVA | Obbligatorju jekk IVA | | |
| 210 | | 15(4) | Awtorità kompetenti | Fondi proprji | L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jaġġustaw l-ammont korrispondenti ta' fattur-K rilevanti meta jqisu li kien hemm bidla materjali fl-attività kummerċjali tad-ditta tal-investiment. | [IVA/LE/ Mhux applikab-bli] | Obbligatorju jekk IVA | Obbligatorju jekk IVA | | |
| 220 | | 17(2) | Awtorità kompetenti | Fatturi-K. K-AUM (assi mmaniġġjati) | L-awtorità kompetenti tista' tissostitwixxi punti ta' *data* storiċi neqsin b'determinazzjonijiet regolatorji bbażati fuq il-projezzjonijiet tan-negozju tad-ditta tal-investiment ippreżentati skont l-Artikolu 7 tad-Direttiva 2014/65/UE. | [IVA/LE/ Mhux applikab-bli] | Obbligatorju jekk IVA | Obbligatorju jekk IVA | | |
| 230 | | 18(2) | Awtorità kompetenti | Fatturi-K. K-CMH (flus tal-klijenti miżmuma) | L-awtorità kompetenti tista' tissostitwixxi punti ta' *data* storiċi neqsin b'determinazzjonijiet regolatorji bbażati fuq il-projezzjonijiet tan-negozju tad-ditta tal-investiment ippreżentati skont l-Artikolu 7 tad-Direttiva 2014/65/UE. | [IVA/LE/ Mhux applikab-bli] | Obbligatorju jekk IVA | Obbligatorju jekk IVA | | |
| 240 | | 19(3) | Awtorità kompetenti | Fatturi-K. K-ASA (assi ssalvagwardjati u amministrati) | L-awtorità kompetenti tista' tissostitwixxi punti ta' *data* storiċi neqsin b'determinazzjonijiet regolatorji bbażati fuq il-projezzjonijiet tan-negozju tad-ditta tal-investiment ippreżentati skont l-Artikolu 7 tad-Direttiva 2014/65/UE. | [IVA/LE/ Mhux applikab-bli] | Obbligatorju jekk IVA | Obbligatorju jekk IVA | | |
| 250 | | 20(3) | Awtorità kompetenti | Fatturi-K. K-COH (ordnijiet tal-klijenti mmaniġġjati) | L-awtorità kompetenti tista' tissostitwixxi punti ta' *data* storiċi neqsin b'determinazzjonijiet regolatorji bbażati fuq il-projezzjonijiet tan-negozju tad-ditta tal-investiment ippreżentati skont l-Artikolu 7 tad-Direttiva 2014/65/UE. | [IVA/LE/ Mhux applikab-bli] | Obbligatorju jekk IVA | Obbligatorju jekk IVA | | |
| 260 | | 30(1) | Awtorità kompetenti | Fatturi-K. K-TCD | L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jibdlu l-aġġustament għall-volatilità għal ċerti tipi ta' komoditajiet li għalihom hemm livelli differenti ta' volatilità fil-prezzijiet. | [IVA/LE/ Mhux applikab-bli] | Obbligatorju jekk IVA | Obbligatorju jekk IVA | | |
| 270 | | 33(4) | Awtorità kompetenti | Fatturi-K. K-DTF (fluss tan-negozjar ta' kuljum) | L-awtorità kompetenti tista' tissostitwixxi punti ta' *data* storiċi neqsin b'determinazzjonijiet regolatorji bbażati fuq il-projezzjonijiet tan-negozju tad-ditta tal-investiment ippreżentati skont l-Artikolu 7 tad-Direttiva 2014/65/UE. | [IVA/LE/ Mhux applikab-bli] | Obbligatorju jekk IVA | Obbligatorju jekk IVA | | |
| 280 | | 38(2) | Awtorità kompetenti | Riskju ta' konċentrazzjoni | L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jagħtu lid-ditta tal-investiment perjodu limitat biex tikkonforma mal-limitu rigward ir-riskju tal-konċentrazzjoni u l-eċċess tal-valur tal-iskopertura msemmi fl-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) 2019/2033. | [IVA/LE/ Mhux applikab-bli] | Obbligatorju jekk IVA | Obbligatorju jekk IVA | | |
| 290 | | 41(2) | Awtorità kompetenti | Riskju ta' konċentrazzjoni | L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jeżentaw kompletament jew parzjalment l-iskoperturi msemmija fl-Artikolu 41(2) tar-Regolament (UE) 2019/2033 mill-applikazzjoni tal-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) 2019/2033. | [IVA/LE/ Mhux applikab-bli] | Obbligatorju jekk IVA | Obbligatorju jekk IVA | | |
| 300 | | 43(1) | Awtorità kompetenti | Rekwiżiti ta' likwidità | L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jeżentaw lid-ditti tal-investiment żgħar u mhux interkonnessi mill-applikazzjoni tar-rekwiżiti tal-likwidità stabbiliti fl-Artikolu 43(1) tar-Regolament (UE) 2019/2033. | [IVA/LE/ Mhux applikab-bli] | Obbligatorju jekk IVA | Obbligatorju jekk IVA | | |

(1) "IVA" tindika li l-awtorità kompetenti jew l-Istat Membru li jkollu s-setgħa li jeżerċita l-opzjoni jew id-diskrezzjoni rilevanti jkun eżerċitaha.
"LE" tindika li l-awtorità kompetenti jew l-Istat Membru li jkollu s-setgħa li jeżerċita l-opzjoni jew id-diskrezzjoni rilevanti ma jkunx eżerċitaha.
"Mhux applikabbli" tindika li l-eżerċizzju tal-opzjoni ma jkunx possibbli jew id-diskrezzjoni ma teżistix.

(2) It-test tad-dispożizzjoni fil-leġiżlazzjoni nazzjonali.

(3) Referenza għal-leġiżlazzjoni nazzjonali u iperlink(s) għas-sit web li jinkludi t-test nazzjonali li jittrasponi d-dispożizzjoni tal-Unjoni inkwistjoni.

## PARTI 2

## Għadd ta' ditti tal-investiment li jużaw dispożizzjonijiet tranżizzjonali stabbiliti fid-Direttiva (UE) 2019/2034 u r-Regolament (UE) 2019/2033

| | Id-Direttiva (UE) 2019/2034 | Ir-Regolament (UE) 2019/2033 | Destinatarju | Kamp ta' applikazzjoni | Denominazzjoni | Deskrizzjoni tal-opzjoni jew tad-diskrezzjoni | Sena | Eżerċitata (IVA/LE/Mhux applikabbli) [1] | Għadd ta' ditti tal-investiment li japplikaw id-dispożizzjoni tranżizzjonali |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | *Id-data tal-aħħar aġġornament tal-informazzjoni f'dan il-mudell* | | | | | | *(jj/xx/ssss)* | | |
| 010 | | Artikolu 57(3) | Ditti tal-investiment | Fondi proprji | Applikazzjoni ta' rekwiżiti tal-fondi proprji aktar baxxi | Id-ditti tal-investiment imsemmija fl-Artikolu 57(3) tar-Regolament (UE) 2019/2033 jistgħu japplikaw rekwiżiti tal-fondi proprji aktar baxxi għal perjodu ta' ħames snin mis-26 ta' Ġunju 2021. | [Sena] | [IVA/LE/ Mhux applikabbli] | |
| 020 | | Artikolu 57(4) | Ditti tal-investiment | Fondi proprji | Applikazzjoni ta' rekwiżiti tal-fondi proprji aktar baxxi | Id-ditti tal-investiment imsemmija fl-Artikolu 57(4) tar-Regolament (UE) 2019/2033 jistgħu japplikaw rekwiżiti tal-fondi proprji aktar baxxi għal perjodu ta' ħames snin mis-26 ta' Ġunju 2021. | [Sena] | [IVA/LE/ Mhux applikabbli] | |
| 030 | | Artikolu 57(6) | Ditti tal-investiment li jinnegozjaw f'isimhom stess | Fondi proprji | Applikazzjoni ta' rekwiżiti tal-fondi proprji aktar baxxi | Id-ditti tal-investiment li jinnegozjaw f'isimhom stess u li huma msemmija fl-Artikolu 57(6) tar-Regolament (UE) 2019/2033 jistgħu jillimitaw ir-rekwiżiti tal-fondi proprji tagħhom għal perjodu ta' ħames snin mis-26 ta' Ġunju 2021 għal mill-inqas EUR 250 000, soġġett għal żieda annwali ta' mill-inqas EUR 100 000 matul perjodu ta' ħames snin. | [Sena] | [IVA/LE/ Mhux applikabbli] | |

(1) "IVA" tindika li l-awtorità kompetenti jew l-Istat Membru li jkollu s-setgħa li jeżerċita l-opzjoni jew id-diskrezzjoni rilevanti jkun eżerċitaha.
"LE" tindika li l-awtorità kompetenti jew l-Istat Membru li jkollu s-setgħa li jeżerċita l-opzjoni jew id-diskrezzjoni rilevanti ma jkunx eżerċitaha.
"Mhux applikabbli" tindika li l-eżerċizzju tal-opzjoni ma jkunx possibbli jew id-diskrezzjoni ma teżistix.

## PARTI 3

## Elementi varjabbli tar-remunerazzjoni (l-Artikolu 32 tad-Direttiva (UE) 2019/2034)

| | Id-Direttiva (UE) 2019/2034 | Destinatarju | Dispożizzjonijiet | Informazzjoni li trid tingħata | Eżerċitata (IVA/LE/Mhux applikabbli) | Referenzi | Disponibbli bl-EN (IVA/LE) | Dettalji/Kummenti |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 010 | Id-data tal-aħħar aġġornament tal-informazzjoni f'dan il-mudell | | | (jj/xx/ssss) | | | | |
| 020 | Artikolu 30(2) | Stati Membri | L-Istati Membri għandhom jiddeskrivu kif jiżguraw li d-ditti tal-investiment jistabbilixxu l-proporzjonijiet xierqa bejn il-komponent varjabbli u dak fiss tar-remunerazzjoni totali. | [Test/valur liberu] | [IVA/LE/Mhux applikabbli] | Obbligatorju jekk IVA | Obbligatorju jekk IVA | |
| 030 | Artikolu 32(3) | Stati Membri jew Awtoritajiet Kompetenti | Deskrizzjoni ta' kwalunkwe restrizzjoni fuq it-tipi u d-disinni jew il-projbizzjonijiet tal-istrumenti li jistgħu jintużaw għall-finijiet tal-għoti ta' remunerazzjoni varjabbli. | [Test/valur liberu] | [IVA/LE/Mhux applikabbli] | Obbligatorju jekk IVA | Obbligatorju jekk IVA | |

| | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 040 | Artikolu 32(5) | Stati Membri | Limiti minbarra dawk imsemmija fl-Artikolu 32(4), li l-awtorità kompetenti tkun żiedet għal ċerti ditti tal-investiment. | [Valur f'EUR] | [IVA/LE/Mhux applikabbli] | Obbligatorju jekk IVA | Obbligatorju jekk IVA | |
| 050 | Artikolu 32(6) | Stati Membri | Limiti minbarra dawk imsemmija fl-Artikolu 32(4), li l-awtorità kompetenti tkun naqset għal ċerti ditti tal-investiment. | [Valur f'EUR] | [IVA/LE/Mhux applikabbli] | Obbligatorju jekk IVA | Obbligatorju jekk IVA | |
| 060 | Artikolu 32(7) | Stati Membri | Deskrizzjoni tal-ispeċifiċitajiet tas-suq jew in-natura tar-responsabbiltajiet u l-profil tal-impjieg tal-membri tal-persunal li huma intitolati għal remunerazzjoni varjabbli annwali li r-remunerazzjoni varjabbli annwali tagħhom ma taqbiżx il-EUR 50 000 u ma tirrappreżentax aktar minn kwart tar-remunerazzjoni annwali totali, iżda fejn l-individwu ma kienx soġġett għall-eżenzjoni stabbilita fl-Artikolu 32(4). | [Test/valur liberu] | [IVA/LE/Mhux applikabbli] | Obbligatorju jekk IVA | Obbligatorju jekk IVA | |

(1) "IVA" tindika li l-awtorità kompetenti jew l-Istat Membru li jkollu s-setgħa li jeżerċita l-opzjoni jew id-diskrezzjoni rilevanti jkun eżerċitaha.

"LE" tindika li l-awtorità kompetenti jew l-Istat Membru li jkollu s-setgħa li jeżerċita l-opzjoni jew id-diskrezzjoni rilevanti ma jkunx eżerċitaha.

"Mhux applikabbli" tindika li l-eżerċizzju tal-opzjoni ma jkunx possibbli jew id-diskrezzjoni ma teżistix.

(2) Referenza għal-leġiżlazzjoni nazzjonali u iperlink(s) għas-sit web li jinkludi t-test nazzjonali li jittrasponi d-dispożizzjoni tal-Unjoni inkwistjoni.

*ANNESS III*

**PROĊESS TA' REVIŻJONI U EVALWAZZJONI SUPERVIŻORJI (SREP)**

## Lista ta' formoli

*Rimarki ġenerali dwar kif jimtnew il-mudelli fl-Anness III*

Meta jippubblikaw informazzjoni dwar il-kriterji ġenerali u l-metodoloġiji, l-awtoritajiet kompetenti ma għandhom jiżvelaw l-ebda miżura superviżorja indirizzata lil ditta tal-investiment speċifika, kemm jekk tittieħed fil-konfront ta' ditta tal-investiment waħda kif ukoll jekk fil-konfront ta' grupp ta' ditti tal-investiment.

**PROĊESS TA' REVIŻJONI U EVALWAZZJONI SUPERVIŻORJI (SREP)** [1]

| | | | |
|---|---|---|---|
| 010 | Id-data tal-aħħar aġġornament tal-informazzjoni f'dan il-mudell | | *(jj/xx/ssss)* |
| 020 | **Kamp ta' applikazzjoni tal-SREP**<br>(L-Artikolu 36 tal-IFD) | Deskrizzjoni tal-approċċ tal-awtorità kompetenti dwar il-kamp ta' applikazzjoni tal-SREP inklużi:<br>— x'tipi ta' ditti tal-investiment huma koperti/esklużi mill-SREP.<br>— ħarsa ġenerali ta' livell għoli dwar kif l-awtorità kompetenti tqis il-prinċipju tal-proporzjonalità fil-kunsiderazzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tal-SREP u l-frekwenza tal-valutazzjoni ta' diversi elementi tal-SREP [1]. | *[test liberu jew referenza jew iperlink għal tali gwida]* |
| 030 | **Valutazzjoni tal-elementi tal-SREP**<br>(l-Artikolu 36 tal-IFD) | Deskrizzjoni tal-approċċ tal-awtorità kompetenti għall-valutazzjoni ta' elementi SREP individwali inklużi:<br>— ħarsa ġenerali ta' livell għoli lejn il-proċess ta' valutazzjoni u l-metodoloġiji applikati firrigward tal-valutazzjoni ta' elementi tal-SREP, fosthom: (i) analiżi tal-mudell kummerċjali; (ii) valutazzjoni tal-governanza interna u tal-kontrolli mad-ditta tal-investiment kollha; (iii) valutazzjoni tar-riskji għall-kapital; u (iv) valutazzjoni tar-riskji għal-likwidità;<br>— ħarsa ġenerali ta' livell għoli dwar kif l-awtorità kompetenti tqis il-prinċipju ta' proporzjonalità meta tivvaluta l-elementi individwali tal-SREP [2]. | *[test liberu jew referenza jew iperlink għal tali gwida]* |
| 040 | **Rieżami u evalwazzjoni tal-ICAAP u l-ILAAP**<br>(l-Artikoli 24 u 36 tal-IFD) | Deskrizzjoni tal-approċċ tal-awtorità kompetenti għar-rieżami u l-evalwazzjoni tal-fondi proprji addizzjonali u r-rekwiżiti speċifiċi tal-likwidità bħala parti mill-SREP, u, b'mod partikolari, għall-valutazzjoni tal-affidabbiltà tal-fondi proprji addizzjonali u l-kalkoli tal-likwidità għall-finijiet tad-determinazzjoni tar-rekwiżiti ta' fondi proprji u ta' likwidità addizzjonali inkluż [3]:<br>— ħarsa ġenerali lejn il-metodoloġija applikata mill-awtorità kompetenti biex tirrevedi l-proċess ta' valutazzjoni interna dwar l-adegwatezza tal-kapital (ICAAP, internal liquidity adequacy assessment process) u l-proċess ta' valutazzjoni interna dwar l-adegwatezza tal-likwidità (ILAAP) tad-ditti tal-investiment; | *[test liberu jew referenza jew iperlink għal tali gwida]* |

[1] L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżvelaw il-kriterji u l-metodoloġiji użati fir-ringieli 020 sa 040 u fir-ringiela 050 għall-valutazzjoni kumplessiva, fil-forma ta' nota ta' spjegazzjoni skont it-tieni kolonna.

| | | | |
|---|---|---|---|
| | | — informazzjoni/referenza tar-rekwiżiti tal-awtorità kompetenti għall-preżentazzjoni ta' informazzjoni relatata mal-ICAAP u l-lLAAP, b'mod partikolari li tkopri liema informazzjoni trid tiġi preżentata;<br>— informazzjoni dwar jekk huwiex meħtieġ rieżami indipendenti tal-ICAAP u tal-ILAAP min-naħa tad-ditti tal-investiment. | |
| 050 | **Valutazzjoni ġenerali tal-SREP u miżuri superviżorji**<br>(l-Artikoli 38 u 39 tal-IFD) | Deskrizzjoni tal-approċċ tal-awtorità kompetenti għall-valutazzjoni kumplessiva tal-SREP (sommarju) u l-applikazzjoni tal-miżuri superviżorji abbażi tal-valutazzjoni ġenerali tal-SREP (4).<br>Deskrizzjoni ta' kif ir-riżultati tal-SREP huma marbuta mal-applikazzjoni ta' miżuri ta' intervent bikri skont l-Artikolu 27 tad-Direttiva 2014/59/UE u l-konstatazzjoni tal-kundizzjonijiet jekk id-ditta tal-investiment tistax titqies li ma tissodisfax jew li x'aktarx ma tissodisfax l-Artikolu 32 ta' din id-Direttiva (5). | *[test liberu jew referenza jew iperlink għal tali gwida]* |

(1) Biex il-kamp ta' applikazzjoni tal-SREP jitqies kemm fil-livell ta' ditta tal-investiment u fir-rigward tar-riżorsi proprji tagħha. Awtorità kompetenti għandha tispjega l-approċċ li jintuża għall-klassifikazzjoni ta' ditta tal-investiment f'kategoriji differenti għall-finijiet tal-SREP, b'deskrizzjoni tal-kriterji kwantitattivi u kwalitattivi, u kif l-istabbiltà finanzjarja jew l-objettivi superviżorji kumplessivi jiġu affettwati minn tali kategorizzazzjoni. Awtorità kompetenti għandha tispjega wkoll kif il-kategorizzazzjoni tiddaħħal fil-prattika għall-finijiet li jiġi żgurat tal-anqas impenn minimu fil-valutazzjonijiet tal-SERP, fosthom id-deskrizzjoni tal-frekwenzi għall-valutazzjoni tal-elementi kollha tal-SREP għall-kategoriji differenti ta' ditti tal-investiment.

(2) Inkluż għodod ta' ħidma, pereż. spezzjonijiet fuq il-post u mhux fuq il-post, kriterji kwalitattivi u kwantitattivi, *data* statistika użata fil-valutazzjonijiet. Għandhom jiżdiedu iperlinks għal kull gwida fis-sit web.

(3) L-awtoritajiet kompetenti għandhom jispjegaw ukoll kif il-valutazzjoni tal-proċess ta' valutazzjoni interna dwar l-adegwatezza tal-kapital (ICAAP) u tal-proċess ta' valutazzjoni interna dwar l-adegwatezza tal-likwidità (ILAAP) hija koperta minn mudelli ta' impenn minimu li huma applikati għal finijiet ta' proporzjonalità abbażi tal-kategoriji tal-SREP, kif ukoll kif il-proporzjonalità hija applikata għall-finijiet tal-ispeċifikazzjoni tal-istennijiet superviżorji għall-ICAAP u ILAAP u, b'mod partikolari, kull linja gwida jew rekwiżit minimu għall-ICAAP u l-ILAAP li nħarġu mill-awtoritajiet kompetenti.

(4) L-approċċ li l-awtoritajiet kompetenti japplikaw biex jaslu għall-valutazzjoni kumplessiva tal-SREP u kif din tiġi kkomunikata lill-istituzzjonijiet. Il-valutazzjoni kumplessiva min-naħa tal-awtoritajiet kompetenti hija bbażata fuq ir-rieżami tal-elementi kollha msemmija fir-ringieli 020 sa 040, flimkien ma kull informazzjoni rilevanti oħra dwar l-istituzzjoni li tinkiseb mill-awtorità kompetenti.

(5) L-awtoritajiet kompetenti jistgħu ukoll jiżvelaw il-politiki li jiggwidaw id-deċiżjonijiet fir-rigward ta' miżuri superviżorji (fis-sens tal-Artikolu 18 tad-IFD) u l-miżuri ta' intervent bikri (fis-sens tal-Artikolu 27 tad-Direttiva dwar l-Irkupru u r-Riżoluzzjoni tal-Banek (BRRD)) kull meta l-valutazzjoni tagħhom ta' ditta tal-investiment tidentifika dgħufijiet jew inadegwatezzi li jsejħu għal intervent superviżorju. Tali divulgazzjonijiet jistgħu jinkludu l-pubblikazzjoni ta' linji gwida interni jew dokumenti oħrajn li jiddeskrivu l-prattiki superviżorji ġenerali. Madankollu, l-ebda żvelar ma huwa meħtieġ fir-rigward ta' deċiżjonijiet dwar ditti tal-investiment individwali fir-rispett tal-prinċipju tal-kunfidenzjalità.
Barra minn hekk, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jipprovdu informazzjoni dwar l-implikazzjonijiet fil-każ li ditta tal-investiment tikser id-dispożizzjonijiet legali rilevanti jew ma tikkonformax mal-miżuri superviżorji jew miżuri ta' intervent bikri li jiġu imposti fuq il-bażi tar-riżultati tal-SREP, pereż. hija għandha telenka l-proċeduri ta' infurzar li jkunu fis-seħħ (fejn applikabbli).

*ANNESS IV*

**DATA STATISTIKA AGGREGATA**

**Lista ta' formoli**

| | |
|---|---|
| PARTI 1 | *Data* individwali għal kull awtorità kompetenti |
| PARTI 2 | *Data* dwar ir-riskju tas-suq |
| PARTI 3 | *Data* dwar miżuri superviżorji u penali amministrattivi |
| PARTI 4 | *Data* dwar l-eżenzjonijiet |

*Kummenti ġenerali dwar kif jimtlew il-mudelli fl-Anness IV*

1) Meta jippubblikaw informazzjoni dwar il-kriterji ġenerali u l-metodoloġiji, l-awtoritajiet kompetenti ma għandhom jiżvelaw l-ebda miżura superviżorja indirizzata lil ditta tal-investiment speċifika, kemm jekk tittieħed fil-konfront ta' ditta tal-investiment waħda u kemm jekk fil-konfront ta' grupp ta' ditti tal-investiment.

2) Iċ-ċelloli numeriċi għadhom jinkludu ċifri biss. Ma għandha ssir l-ebda referenza għal muniti nazzjonali. Il-munita użata hija l-euro; u l-Istati Membri li mhumiex fiż-żona tal-euro għandhom jaqilbu l-muniti nazzjonali tagħhom f'euro skont ir-rata tal-kambju tal-BĊE (skont id-data ta' referenza komuni, jiġifieri l-aħħar jum tas-sena li tkun qed tiġi rieżaminata), b'pożizzjoni deċimali waħda meta jiġu żvelati ammonti f'miljuni.

3) L-ammonti monetarji rrapportati għandhom ikunu żvelati f'miljuni ta' euro (minn hawn 'il quddiem - MEUR).

4) Il-perċentwali għandhom jiġu żvelati b'żewġ pożizzjonijiet deċimali.

5) Jekk id-*data* ma tkunx qiegħda tiġi żvelata, ir-raġuni tan-nuqqas ta' żvelar għandha tingħata permezz tan-nomenklatura tal-EBA, jiġifieri N/A (għal "mhux disponibbli") jew C (kunfidenzjali).

6) Id-*data* għandha tiġi żvelata fuq bażi aggregata u mingħajr ma jiġu identifikati ditti tal-investiment individwali.

7) Id-*data* għandha tinġabar biss fir-rigward tad-ditti tal-investiment suġġetti għad-Direttiva (UE) 2019/2034. Id-ditti tal-investiment li ma jkunux suġġetti għar-reġim tad-Direttiva (UE) 2019/2034 huma esklużi mill-eżerċizzju tal-ġbir tad-*data*.

**PARTI 1**

## *Data* individwali għal kull Awtorità Kompetenti (sena 20XX)

| | | | Referenza għall-formola tar-rappurtar | Data | |
|---|---|---|---|---|---|
| | **Għadd u daqs tad-ditti tal-investiment** | | | | |
| 010 | Għadd ta' ditti tal-investiment | | | [Valur] | |
| 020 | Assi totali tad-ditti tal-investiment kollha fl-Istat Membru (f'MEUR) ([1]) | | | [Valur] | |
| | **Għadd u daqs tad-ditti tal-investiment ta' pajjiżi terzi** ([2]) | | | | |
| 030 | Minn pajjiżi terzi | Għadd ta' fergħat ([3]) | | [Valur] | |
| 040 | | Għadd ta' sussidjarji ([4]) | | [Valur] | |
| | | | | | |
| | **Il-kompożizzjoni tal-fondi proprji fir-rigward tar-rekwiżiti ta' fondi proprji** | | | ***Data*, f'miljuni ta' euro** | ***Data*, bħala perċentwal tar-rekwiżiti ta' fondi proprji totali** ([6])**%** |
| 050 | Total ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 ([5]) | | I 01.00 ringiela 0030 | [Valur] | [Valur] |
| 060 | Total tal-Grad Addizzjonali 1 ([5]) | | I 01.00 ringiela 0300 | [Valur] | [Valur] |
| 070 | Kapital totali ta' Grad 2 ([5]) | | I 01.00 ringiela 0420 | [Valur] | [Valur] |
| 080 | Fondi proprji totali ([6]) | | I 01.00 ringiela 0010 | [Valur] | [Valur] |
| | **Total tar-rekwiżiti ta' fondi proprji skont it-tip** | | | ***Data*, f'miljuni ta' euro** | ***Data*, bħala perċentwal tar-rekwiżiti ta' fondi proprji totali** ([6]) **%** |
| 090 | *Data* dwar ir-rekwiżiti ta' fondi proprji | Rekwiżit tal-ispejjeż ġenerali fissi ([7]) | I 02.00 ringiela 0030 | [Valur] | [Valur] |
| 100 | | Rekwiżit ta' kapital minimu permanenti ([8]) | I 02.00 ringiela 0020 | [Valur] | [Valur] |
| 110 | | Rekwiżit tal-fattur K ([9]) | I 02.00 ringiela 0040 | [Valur] | [Valur] |
| 120 | | li minnhom Riskju għall-Klijent (RtC) ([10]) | I 04.00 ringiela 0020 | [Valur] | [Valur] |
| 130 | | li minnhom Riskju għas-Suq (RtM) ([11]) | I 04.00 ringiela 0090 | [Valur] | [Valur] |
| 140 | | li minnhom Riskju għad-Ditta (RtF) ([12]) | I 04.00 ringiela 0120 | [Valur] | [Valur] |

[1] Iċ-ċifra tal-assi totali għandha tkun is-somma tal-valuri tal-assi tad-ditti tal-investiment kollha fi Stat Membru, ikkalkulata abbażi tal-istandards tal-kontabbiltà applikabbli, eskluż kwalunkwe assi mmaniġġjat.
[2] Il-pajjiżi taż-ŻEE ma għandhomx jiġu inklużi.
[3] L-għadd ta' fergħat kif definiti fil-punt (3) tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva (UE) 2019/2034. Kwalunkwe għadd ta' postijiet ta' negozju stabbiliti fl-istess pajjiż minn ditta tal-investiment bi kwartieri ġenerali f'pajjiż ieħor jenħtieġ li jitqiesu bħala fergħa waħda.
[4] L-għadd ta' sussidjarji kif inhuma definiti fil-punt (29) tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva (UE) 2019/2034. Kull impriża ta' impriża sussidjarja għandha titqies bħala sussidjarja tal-impriża prinċipali li tkun tmexxi lil dawk l-impriżi.
[5] Kapital kif definit fl-Artikolu 9(1) tar-Regolament (UE) 2019/2033.
[6] Rekwiżit tat-total tal-fondi proprji kif definit fl-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) 2019/2033.
[7] Rekwiżit tal-ispejjeż ġenerali fissi kif definit fil-punt (a) tal-Artikolu 11(1) tar-Regolament (UE) 2019/2033.
[8] Rekwiżit ta' kapital minimu permanenti kif definit fil-punt (b) tal-Artikolu 11(1) tar-Regolament (UE) 2019/2033.
[9] Rekwiżit tal-fattur K kif definit fil-punt (c) tal-Artikolu 11(1) tar-Regolament (UE) 2019/2033.
[10] Rekwiżiti ta' fondi proprji assoċjati mar-Riskju għall-Klijent kif definiti fl-Artikolu 15(1)(a) tar-Regolament (UE) 2019/2033. Indika l-proporzjon totali tal-kapitali fil-kolonna "*Data*, bħala perċentwal tar-rekwiżiti ta' fondi proprji %".
[11] Rekwiżiti ta' fondi proprji assoċjati mar-Riskju għas-Suq kif definiti fl-Artikolu 15(1)(b) tar-Regolament (UE) 2019/2033.
[12] Rekwiżiti ta' fondi proprji assoċjati mar-Riskju għad-Ditta kif definiti fl-Artikolu 15(1)(c) tar-Regolament (UE) 2019/2033.

## PARTI 2

## *Data* dwar ir-riskju tas-suq [1] (sena 20XX)

| *Data* dwar ir-riskju tas-suq | | | Approċċ | Referenza għall-formola tar-rappurtar | Data | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 010 | **Rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tas-suq** | | | | | |
| 020 | **Tqassim skont l-approċċ** | L-għadd ta' ditti tal-investiment li jużaw kull approċċ fir-rigward tal-għadd totali ta' ditti tal-investiment [1] | Approċċ tal-fattur K "riskju ta' pożizzjoni netta" | IF 04.00 ringiela 0100 | [Valur] | |
| 030 | | | li minnhom, approċċ standardizzat | | [Valur] | |
| 040 | | | li minnhom, approċċ standardizzat alternattiv | | [Valur] | |
| 050 | | | li minnhom, approċċ mudell intern alternattiv | | [Valur] | |
| 060 | | | li minnhom, kull approċċ tal-fattur K "riskju ta' pożizzjoni netta" [2] | | [Valur] | |
| 070 | | | L-approċċ tal-Fattur-K "Marġni tal-Ikklerjar mogħti" | IF 04.00 ringiela 0110 | [Valur] | |
| 080 | | | Iż-żewġ fatturi-K "Marġni tal-ikklerjar mogħti" u "riskju ta' pożizzjoni netta" | | [Valur] | |

[1] Il-formola għandha tinkludi informazzjoni dwar id-ditti tal-investiment kollha u mhux biss dwar dawk b'pożizzjonijiet relatati mal-fattur K "riskju tal-pożizzjoni netta".

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 090 | | | | | ***Data* f'miljuni ta' euro** | ***Data* bħala perċentwal tar-rekwiżiti ta' fondi proprji totali** (3) **%** |
| 100 | | Rekwiżiti ta' fondi proprji totali skont kull approċċ (1) | Approċċ tal-fattur K "riskju ta' pożizzjoni netta" | IF 04.00 ringiela 0100 | [Valur] | [Valur] |
| 110 | | | li minnhom, approċċ standardizzat | | [Valur] | [Valur] |
| 120 | | | li minnhom, approċċ standardizzat alternattiv | | [Valur] | [Valur] |
| 130 | | | li minnhom, approċċ tal-mudell intern alternattiv (2) | | [Valur] | [Valur] |
| 140 | | | li minnhom, kull approċċ tal-fattur K "riskju ta' pożizzjoni netta" (2) | | [Valur] | [Valur] |
| 150 | | | Approċċ tal-fattur-K "Marġni tal-ikklerjar mogħti" | IF 04.00 ringiela 0110 | [Valur] | [Valur] |
| 160 | | | Iż-żewġ fatturi-K "Marġni tal-ikklerjar mogħti" u "riskju ta' pożizzjoni netta" | | [Valur] | [Valur] |

(1) Xi ditta tal-investiment tista' tuża aktar minn approċċ wieħed, għalhekk is-somma tal-entrati 020 sa 060 tista' tkun differenti mill-għadd totali ta' ditti tal-investiment li jikkalkulaw il-fattur K "riskju ta' pożizzjoni netta" .

(2) Meta d-ditti tal-investiment jużaw aktar minn approċċ wieħed tal-fattur K "riskju ta' pożizzjoni netta": approċċ standardizzat, l-approċċ standardizzat alternattiv, l-approċċ alternattiv tal-mudell intern.

(3) Rekwiżiti tal-fondi proprji kif imsemmija fl-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) 2019/2033.

**PARTI 3**

***Data* dwar miżuri ta' superviżjoni u penali amministrattivi** ([2]) **(is-sena 20XX)**

| | Miżuri superviżorji | | Data |
|---|---|---|---|
| 010 | Miżuri superviżorji meħuda skont l-Artikolu 38(a) | Għadd totali ta' miżuri superviżorji meħuda skont l-Artikolu 39(2) tad-Direttiva (UE) 2019/2034 | [Valur] |
| 020 | | biex jinżammu fondi proprji li jaqbżu r-rekwiżiti kapitali minimi [Artikolu 39(2)(a)] | [Valur] |
| 030 | | biex jissaħħu l-arranġamenti ta' governanza u l-ġestjoni tal-kapital intern u tal-assi likwidi [l-Artikolu 39(2)(b)] | [Valur] |
| 040 | | biex jiġi ppreżentat pjan biex tiġi stabbilita mill-ġdid il-konformità mar-rekwiżiti superviżorji [l-Artikolu 39(2)(c)] | [Valur] |
| 050 | | biex tiġi applikata politika speċifika ta' proviżjonament jew it-trattament tal-assi [l-Artikolu 39(2)(d)] | [Valur] |
| 060 | | biex jiġu ristretti jew limitati n-negozju jew l-attivitajiet [l-Artikolu 39(2)(e)] | [Valur] |
| 070 | | biex jitnaqqas ir-riskju inerenti fl-attivitajiet, il-prodotti u s-sistemi, inklużi attivitajiet esternalizzati [l-Artikolu 39(2)(f)] | [Valur] |
| 080 | | biex tiġi limitata r-remunerazzjoni varjabbli [l-Artikolu 39(2)(g)] | [Valur] |
| 090 | | biex jissaħħu l-fondi proprji billi jintużaw il-profitti netti [l-Artikolu 39(2)(h)] | [Valur] |
| 100 | | biex jiġu ristretti/projbiti d-distribuzzjonijiet jew ħlasijiet tal-imgħax [l-Artikolu 39(2)(i)] | [Valur] |
| 110 | | biex jiġu imposti rekwiżiti ta' rappurtar addizzjonali jew aktar frekwenti [l-Artikolu 39(2)(j)] | [Valur] |
| 120 | | biex jiġu imposti rekwiżiti speċifiċi ta' likwidità [l-Artikolu 39(2)(k)] | [Valur] |
| 130 | | biex jiġu imposti rekwiżiti addizzjonali tal-iżvelar [l-Artikolu 39(2)(l)] | [Valur] |
| 140 | | biex jitnaqqsu r-riskji għas-sigurtà tan-networks tad-ditti tal-investiment u tas-sistemi tal-informazzjoni [l-Artikolu 39(2)(m)] | [Valur] |
| 150 | | Għadd u natura tal-miżuri superviżorji l-oħra meħuda (mhux elenkati fl-Artikolu 39(2) tad-Direttiva (UE) 2019/2034) | [Valur] |

([2]) L-informazzjoni għandha tiġi rrappurtata abbażi tad-data tad-deċiżjoni. Minħabba d-differenzi fir-regolamenti nazzjonali kif ukoll fil-prattiki u l-approċċi superviżorji fost l-awtoritajiet kompetenti, iċ-ċifri pprovduti f'din it-tabella jaf ma jippermettux paragun sinifikanti bejn il-ġurisdizzjonijiet. Kwalunkwe konklużjoni mingħajr kunsiderazzjoni bir-reqqa ta' dawn id-differenzi tista' tkun qarrieqa.

| | | | |
|---|---|---|---|
| 160 | Miżuri ta' superviżjoni meħuda skont l-Artikolu 38(b) u d-dispożizzjonijiet l-oħra tad-Direttiva (UE) 2019/2034 jew ir-Regolament (UE) Nru 2019/2033 | Għadd totali ta' miżuri superviżorji meħuda skont l-Artikolu 39(2) tad-Direttiva (UE) 2019/2034 | [Valur] |
| 170 | | biex jinżammu fondi proprji li jaqbżu r-rekwiżiti kapitali minimi [Artikolu 39(2)(a)] | [Valur] |
| 180 | | biex jissaħħu l-arranġamenti ta' governanza u l-ġestjoni tal-kapital intern u tal-assi likwidi [l-Artikolu 39(2)(b)] | [Valur] |
| 190 | | biex jiġi ppreżentat pjan biex tiġi stabbilita mill-ġdid il-konformità mar-rekwiżiti superviżorji [l-Artikolu 39(2)(c)] | [Valur] |
| 200 | | biex tiġi applikata politika speċifika ta' proviżjonament jew it-trattament tal-assi [l-Artikolu 39(2)(d)] | [Valur] |
| 210 | | biex jiġu ristretti jew limitati n-negozju jew l-attivitajiet [l-Artikolu 39(2)(e)] | [Valur] |
| 220 | | biex jitnaqqas ir-riskju inerenti fl-attivitajiet, il-prodotti u s-sistemi, inklużi attivitajiet esternalizzati [l-Artikolu 39(2)(f)] | [Valur] |
| 230 | | biex tiġi limitata r-remunerazzjoni varjabbli [l-Artikolu 39(2)(g)] | [Valur] |
| 240 | | biex jissaħħu l-fondi proprji billi jintużaw il-profitti netti [l-Artikolu 39(2)(h)] | [Valur] |
| 250 | | biex jiġu ristretti/projbiti d-distribuzzjonijiet jew ħlasijiet tal-imgħax [l-Artikolu 39(2)(i)] | [Valur] |
| 260 | | biex jiġu imposti rekwiżiti ta' rappurtar addizzjonali jew aktar frekwenti [l-Artikolu 39(2)(j)] | [Valur] |
| 270 | | biex jiġu imposti rekwiżiti speċifiċi ta' likwidità [l-Artikolu 39(2)(k)] | [Valur] |
| 280 | | biex jiġu imposti rekwiżiti addizzjonali tal-iżvelar [l-Artikolu 39(2)(l)] | [Valur] |
| 290 | | biex jitnaqqsu r-riskji għas-sigurtà tan-networks tad-ditti tal-investiment u tas-sistemi tal-informazzjoni [l-Artikolu 39(2)(m)] | [Valur] |
| 300 | | Għadd u natura tal-miżuri superviżorji l-oħra meħuda (mhux elenkati fl-Artikolu 39(2) tad-Direttiva (UE) 2019/2034) | [Valur] |

| | **Penali amministrattivi** [1] | | **Data** |
|---|---|---|---|
| 010 | Il-penali amministrattivi (għal ksur ieħor tar-rekwiżiti imposti mid-Direttiva (UE) 2019/2034 jew ir-Regolament (UE) 2019/2033 | Għadd totali ta' penali amministrattivi mill-Artikolu 18(2) tad-Direttiva (UE) 2019/2034 applikati: | [Valur] |
| 020 | | dikjarazzjonijiet pubbliċi li jidentifikaw il-persuna fiżika/ġuridika responsabbli u n-natura tal-ksur [l-Artikolu 18(2)(a)] | [Valur] |
| 030 | | ordnijiet li jeħtieġu li l-persuna fiżika jew ġuridika responsabbli twaqqaf l-imġiba u ma tirrepetix dik l-imġiba [Artikolu 18(2)(b)] | [Valur] |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 040 | | projbizzjonijiet temporanji kontra persuni naturali milli jeżerċitaw funzjonijiet f'ditti tal-investiment [l-Artikolu 18(2)(c)] | [Valur] |
| 050 | | penali amministrattivi pekunarji imposti fuq persuna ġuridika/fiżika [il-punti (d) sa (f) tal-Artikolu 18(2)] | [Valur] |
| 060 | | Għadd u natura ta' penali amministrattivi oħra applikati (mhux speċifikati fl-Artikolu 18(2) tad-Direttiva (UE) 2019/2034) | [test liberu] |

(1) L-awtoritajiet kompetenti ma għandhomx jiżvelaw azzjonijiet superviżorji jew deċiżjonijiet indirizzati lil ditti tal-investiment. Meta jippubblikaw informazzjoni dwar il-kriterji ġenerali u l-metodoloġiji, l-awtoritajiet kompetenti ma għandhom jiżvelaw l-ebda miżura superviżorja indirizzata lil ditta tal-investiment speċifika, kemm jekk tittieħed fil-konfront ta' ditta tal-investiment waħda u kemm jekk tkun fil-konfront ta' grupp ta' ditti tal-investiment.

Il-penali amministrattivi imposti mill-awtoritajiet kompetenti. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jirrapportaw il-penali amministrattivi kollha li abbażi tagħhom ma jkun hemm l-ebda appell disponibbli fil-ġurisdizzjoni tagħhom sad-data ta' referenza tad-divulgazzjoni. Meta jkollhom il-permess jippubblikaw penali amministrattivi suġġetti għal appell, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għandhom jirrapportaw ukoll dawk il-penali amministrattivi, sakemm ma jkunx hemm appell li jannulla l-penali amministrattiva.

## PARTI 4

### *Data* dwar id-derogi (3) (is-sena 20XX)

| | Eżenzjoni mogħtija lid-ditti tal-investiment | Għadd totali ta' eżenzjonijiet mogħtija | Artikolu 9 |
|---|---|---|---|
| 010 | Eżenzjoni mill-applikazzjoni tal-Artikolu 5 (li jipprevedi l-applikazzjoni fuq bażi individwali ta' rekwiżiti prudenzjali) fir-rigward tal-partijiet 2, 3, 4, 6 u 7 tar-Regolament (UE) 2019/2033 (l-Artikolu 6(1) (eżenzjonijiet għal sussidjarji) (1)) | [Valur] | |
| 020 | Eżenzjoni mill-applikazzjoni tal-Artikolu 5 (li jipprevedi l-applikazzjoni fuq bażi individwali tar-rekwiżiti prudenzjali) fir-rigward tal-parti 6 tar-Regolament (UE) 2019/2033 (l-Artikolu 6(2) (eżenzjonijiet għal sussidjarji) (1)) | [Valur] | |
| 030 | Eżenzjoni mill-applikazzjoni tal-Artikolu 5 (li jipprevedi l-applikazzjoni fuq bażi individwali tar-rekwiżiti prudenzjali) fir-rigward tal-parti 5 tar-Regolament (UE) 2019/2033 (l-Artikolu 6(3) (eżenzjonijiet ta' likwidità għal sussidjarji)) | [Valur] | |
| 040 | Eżenzjoni mill-applikazzjoni fuq bażi konsolidata ta' rekwiżiti prudenzjali fir-rigward tal-parti 5 tar-Regolament (UE) 2019/2033 (l-Artikolu 7(4) (konsolidazzjoni prudenzjali)) | | |

(3) L-awtoritajiet kompetenti għandhom jirrapportaw informazzjoni dwar il-prattiki ta' eżenzjonijiet abbażi tal-għadd totali ta' eżenzjonijiet mogħtija mill-awtorità kompetenti, li jkunu għadhom effettivi jew fis-seħħ. L-informazzjoni li għandha tiġi rappurtata hija limitata għal dawk l-entitajiet li ngħataw eżenzjoni. Jekk l-informazzjoni ma tkunx disponibbli, jiġifieri mhux parti mir-rapportar regolari, din għandha tiġi rrapportata bħala "mhux disponibbli".

| | | | |
|---|---|---|---|
| 050 | Għadd totali ta' permessi mogħtija | [Valur] | |
| 060 | Għadd totali ta' fondi proprji konsolidati miżmuma fis-sussidjarji stabbiliti f'pajjiżi terzi (f'MEUR) | [Valur] | |
| 070 | Perċentwal tal-fondi proprji konsolidati miżmuma f'sussidjarji stabbiliti f'pajjiżi terzi (%) | [Valur] | |
| 080 | Perċentwal tar-rekwiżiti tal-fondi proprji konsolidati allokati lil sussidjarji stabbiliti f'pajjiżi terzi (%) | [Valur] | |

([1]) In-numru ta' ditti tal-investiment li jkunu ngħataw l-eżenzjoni għandu jintuża bħala bażi għall-għadd tal-eżenzjonijiet.